# Ġanni Vella 1909 – 1990



Is-sena l-oħra f'dan il-ktejjeb-progrmm tajt il-bijografija tas-surmast Anton Muscat Azzopardi li kellu konnesjoni mal-banda 'San Ġużepp' mwaqqfa f'dan ir-raħal. Din is-sena se nagħti tagħrif bijografiku dwar surmast ieħor li kellu x'jaqsam mal-banda 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem jiġifieri dwar Mro. Ġanni Vella.

Is-Surmast Ġanni Vella twieled f'Birkirkara, Malta nhar l-20 ta' Ġunju 1909, bin Mikiel u Helen mwielda Paċe. Huwa trabba u għex fil-gżira Għawdxija.

Ta' eta żgħira tħarreġ fl-arti mużikali u ta' tnax –il sena ngħaqad bħala bandist mal-banda 'La Stella'. Is-surmast Vella tħarreg taħt Anton Mejlak, Ġużeppi Attard, Ġużeppi Stivala u Ġużeppi Ġiardini Vella. Meta f'nofs is-snin għoxrin Mro. Ġużeppi Stivala kien surmast direttur tal-banda 'La Stella' għaraf il-kapaċita u l-ħila ta' Ġanni Vella tant li afdalu r-responsabilita ta' klarinett solista. Tant kellu ħeġġa għat-tagħlim tal-mużika li tħarreg ukoll tajjeb fil-vjolin, vjolincell u anke fil-pjanu.

Bejn l-1951 u l-1956 Mro Ġanni Vella kien jokkupa l-kariga ta' surmast direttur tal-banda 'La Stella', waqt li wara l-ħatra ta' ibnu il-Prof. Joseph Vella fl-1970 bħala surmast direttur tal-banda 'La Stella', huwa baqa jservi l-banda bħala assistent direttur sas-sena 1981.

Barra l-banda 'La Stella', Ġanni Vella għandu wkoll konnesjoni kemm mal-banda 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem u kemm mal-banda'Prekursur" tax-Xewkija. Fill-fatt nafu li wara li spiċċat it-tieni gwerra dinjija huwa prova għal xi snin jerġa' jqajjem fuq saqajha lil banda 'San Ġużepp' li dik in-nhar kienet għadha fi ħdan l-istitut ta' San Ġużepp mnejn ħadet isimha. Nafu wkoll li fl-1930 għal xi żmien kien ukoll inħatar surmast direttur tal-banda 'Prekursur" flok Mro. Indri Borġ. Is-Surmast Ganni Vella kien ukoll wieħed mit-tlett diretturi maħtura sabiex jidderiġu l-orkestra fil-British Institute fis-snin erbgħin.

Bħala vjolinista, Ganni Vella kien jieħu sehem mal-membri tal-orkestra li kien jieħdu sehem fil-festi f'Għawdex. Fost dawn l-orkestri jew mużika nsibu dawk imexxija minn Mro Pawlu Lanzon, Mro Ġużeppi Giardini Vella, Mro Ġużeppi Farruġia, Mons Kan. Dun Ġużepp Debrincat, Mons. Kan. Dun Martin Portelli u naturalment ma dik li jmexxi ibnu l-Prof. Joseph Vella.

Kien fis-sena 1932 li Ganni Vella ingħaqad bħala vjolinista mal-membri tal-mużika tal-Kappella tal-Katidral f'Għawdex. Dak in-nhar din kienet imexxija mis-Surmast Mro Pawlu Lanzon. Iżda kien għall-aħħar tas-snin erbgħin li huwa ħa f'idejħ l-orkestra li kellu Mro Pawlu Lanzon u biha s-surmast Vella kompla jieħu sehem fil-festi ċċelebrati f'diversi parroċċi ta' Għawdex.

Għall-aħħar tas-snin tletin fi ħdan l-Azzjoni Kattolika fix-Xagħra Għawdex, Ganni Vella kien waqaf orkestra bl-isem ta' 'San Gwann Bosco' biex biha jieħu sehem fil-festi iċċelebrati f'dan ir-raħal. Kien ukoll għall-aħħar tas-snin erbgħin li fin-Nadur kienet qed titwaqqaf orkestra għall-istess skop taħt is-surmast Giardini Vella. Hawn ukoll nsibu lil Ganni Vella jħarreg lil dawn il-mużiċisti, iżda din l-orkestra ma twaqqfitx għax f'qasir żmien għaddiet minn bosta taqlib.

Matul ħajtu Ġanni Vella ħarreg għadd kbir ta' żgħażagħ u tfajliet kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika mużikali. Fil-fatt bosta huma dawk li tħarrgu għandu fil-vjolin. Ġanni Vella ta' sehem ukoll fl-operetti f'Għawdex. Kien hu li għamel l-operetta 'La Piccola Olandese' fl-1955 u fl-1956, fl-iskola Primarja u fl-Oratorju Don Bosco rispettivament. F'operetti oħra sehmu kien li jikkunċċerta u jirranġa l-mużika.

Is-surmast Ġanni Vella kkompona wkoll bċejjeċ mużikali li llum huma arkivjati fl-arkivju mużikali tas-surmast Colin Attard. Fost dawn insibu: Tantum Ergo u Confitebor. Hawn kiteb ukoll l-innu tat-Tridu f'ġieħ l-Assunta li jġib l-isem ta' 'O Prima Virgo Prodita'. Dan l-innu kien ġie rregalat lill-Knisja Kattidrali ta' Għawdex.

Mro Ġanni Vella kien miżżewweġ lil Annunzjata mwielda Attard. Miet nhar il-11 ta' Novembru 1990 u fil-funeral tiegħu ħadet sehem il-banda 'La Stella' billi daqqet marċi funebri.

*Grazio Grech*

Akkwista kopja tal-ktieb:
**Mużiċisti, Kompożituri Għawdxin, Maltin u Barranin**
Li għadu kif ippublika Grazio Grech
Ikteb: 'Gawferħ, Triq is-Salib, Xewkija, Gozo